**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 t'April 2018**

**Talba Nru: 516/17 CZ**

**Adrian Cutajar (ID 144279 (M)**

**vs**

**Johann Chetcuti (ID 267580 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fit-13 ta' Novembru 2017 li permezz taghha ppremetta:

Is-Sur Johann Chetcuti xtara apparat elettroniku Nokia 5800 ghas-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250). Huwa hallas depositu ta' tletin Euro (€30) u pagament wiehed ta' tletin Euro (€30) izda qatt aktar ma resaq sabiex ihallas xi parti mill-bilanc pendenti dovut minnu.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici qieghda bir-rispett titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u disghin Euro (€190) li huwa l-ammont dovut minnu, bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' din it-talba sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' l-attur, li kkonferma li l-ammont reklamat minnu ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut.

Ra li t-talba giet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, l-attur qed jitlob il-hlas tal-bilanc tal-prezz ta' apparat elettroniku li l-konvenut xtara minghandu. Minn apparat li kien jiswa mitejn u hamsin Euro (€250), baqaghlu jithallas mija u disghin Euro (€190).

2. Illi l-attur ikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat minnu ghadu dovut fl-intier tieghu.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:
>
> (b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, il-konvenut giet debitament notifikat u la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fl-10 t'April 2018.

6. Jirrizulta li t-talba ta' l-attur hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mill-attur ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u disghin Euro (€190) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur